**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ahmed Sherfid**

**Kumpilazzjoni numru 204/2016**

**Illum 17 ta' Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ahmed Sherfid** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 182396 (M) billi huwa akkuzat talli fit-13 t'April, 2016, bejn 20:48 hrs u 22:45 hrs fi Triq il- Kavallieri ta' Malta, Marsaskala:

1) Ikkaguna lil Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u lil Daniel Parsonson biza li ser jintuza l-vjolenza kontrihom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal- artikli 251B tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
2) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex ordnijiet legitimi tal-awtorita' (Pulizija ta' Malta) jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz publiku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru,bill ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor li jkun, kemm –il darba din id-disubbidjenza jew dan

l-indhil ma jkunux jaqghui taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra; dan bi ksur tal- artikli 338 (ee) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

3) Talli fl-istess dati,lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u lil Daniel Parsonson ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il- kodici jew jekk ikun ipprovokat jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazjoni u dan bi ksur tal- artikli 339 (c) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
4) Talli fl-istess dati,lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikli 338 (m) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
5) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew jwaddabhom jew jaqbad armi ohra kontra n-nies u dan bi ksur tal-artiklu 339 (b)tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
6) Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Josianne Darmanin jew igibilha disordni f'moħħha griehi ta natura gravi u dan bi ksur tal- artiklu 214,215,216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ihassar, ghamel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ta' Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u lil Daniel Parsonson liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin euro (250) u dan bi ksur tal-artiklu 325 tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
8) Talli bejn it-20:00 hrs u 22:45 hrs f'Malta, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazjoni eletronika hedded lil Stephanie Darmanin li ser jaghmel xi reat; jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikoli 49 (a) (c) tal- Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet gentilment mitluba f'kaz ta' htija tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u lil Daniel Parsonson ai termini tal- Artikoli 383 u 412c tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Frar, 2017 (esebita a fol. 81 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

- **a.** Fl-artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **b.** Fl-artikoli 251B, 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **c.** Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **d.** Fl-artikoli 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **e.** Fl-artikoli 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **f.** Fl-artikoli 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **g.** Fl-artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **h.** Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **i.** Fl-artikoli 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **j.** Fl-artikoli 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- **k.** Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali orali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Il-fatti specie tal-kaz imorru lura ghat-13 ta' April 2016 filghaxija fi Triq il-Kavallieri ta' Malta, f'Marsaskala fejn l-imputat kellu argument shun

mal-ex siehba tieghu fejn kienu involuti qraba ohra. Kien allegat li saret hsara mal-bieb tal-persuna.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel

il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti

ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista′ jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe′ li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**<u>L-ewwel imputazzjoni - Artikolu 251B</u>**

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dan huwa r-reat ta′ fastidju kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali.

Il-prosekuzzjoni kienet taf li mill-provi li kellha ma kienx se jirnexxielha tipprova r-reat kontemplat taht l-Art251B(1), izda kif gara fi drabi ohra imputat jitressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dan ir-reat meta jkun car li ma tistax tinstab htija dwaru.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed**[1] deciz fis-16 ta′ Dicembru 2016 fejn rega′ gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju:

[1] Appell Nru: 145/2016

*Din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi tagħha dwar ir-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li inċident wieħed ma jammontax għal course of conduct skont dak l-artikolu. Inoltre, minkejja dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha* ***P v Brian Micallef****, il-leġislatur anki sa llum baqa' passiv u ma interveniex*[2] *u għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti tirriafferma dak konsistentement ritenut minn din il-Qorti dwar ir-reat imsemmi ta' fastidju li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali għandha tikkonsisti f'mhux inqas minn żewġ okkażżjonijiet.* (enfasi ta' din il-Qorti)

*Huwa minnu li fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***P v Mirko Giannetti*** *(21/2/2012),* ***P v Massimo Tivisini*** *(27/2/2009) u* ***P v Alan Caruana Carabez*** *(21/6/2007) jingħad li "r-reat ta' fastidju jrid neċessarjament jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli" iżda tenut kont li r-rekwiżit ta' tal-anqas żewġ okkażżjonijiet ta' aġir li jikkaġuna lis-suġġett passiv tar-reat "jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd ..." huwa parti integrali mill-element materjali tar-reat in kwistjoni dawn l-okkażjonijiet iridu jirriżultaw fil-grad li trid il-*

[2] Il-fatt li ghaddew sitt snin mid-dikjarazzjoni li ghamel il-President tal-Qrati u baqa' kollox l-istess huwa ta' thassib u wasal iz-zmien li jsiru l-emendi necessarji.

*liġi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u mhux sufficjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebulużа tagħhom.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru, 2011 **Il-Pulizija v. Brian Micallef**[3] spjegat li**:**

> Fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Raymond Parnis** tal-24 ta' April 2009 … gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- *Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.
>
> Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li l-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-omissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-omissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li

[3] Appell Nru: 442/2010

> ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn zewg okkazzjonijiet.

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

**Is-sitt imputazzjoni – hsara fil-gisem**

Ghal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni, dan huwa r-reat ta' feriti gravi kif kontemplat fl-artikoli 214, 25, 216 tal-Kodici Kriminali.

F'dar-rigward huwa interessanti dak li ntqal fis-sentenza Il-**Pulizija v. Joseph Azzopardi** mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha fit-30 ta' Lulju 2004 fejn ma kienx hemm esperti nominati:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l- imhallef sedenti). Ma*

*hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l- opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l- offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l- ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d- deposizzjoni ta' Rita Ebejer – waslet ghall-konkluzzjoni li l-imsemmija Ebejer garrbet offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal- Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-intervent ta' l- appellant. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint".*

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax kif dedotta u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha, izda abbazi tal-principju il piu' comprende il meno, ser jigi misjub hati li kkommetta r-reat ta' offiza hafifa ai termini ta' Artikolu 221(1) tal-kap 9.

**<u>Is-seba' imputazzjoni – hsara volontarja</u>**

Il-Qorti ma tifhimx kif f'kawza fejn qed tigi allegata hsara ma titressaqx

il-prova permezz ta' stima, jew prova tal-valur tal-oggett.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[4]

Il-Prosekuzzjoni naqset milli jgib dik il-prova li turi li Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u Daniel Parsonson sofrew hsara fl-ammont minnhom pretiz.

Din il-Qorti tirrimarka li x-xhieda li ngabet ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il- **Pulizija –vs- Joseph Zahra** App Krim 24.2.2003 fejn intqal li:

> *"din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Naturalment kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant esebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t- tiswija li ghandha ssir u minghjar ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-istess bhala opinjoni ex parte."*

---

[4] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha.

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

**<u>Imputazzjonijiet tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5)</u>**
**Kontravenzjonijiet Artikoli 338(ee), 339 (e), 338 (m) u 339(b)**

Illi dawn l-imputazzjoni jirrizultaw u b'hekk l-imputat se jinstab hati dwarhom.

**<u>Imputazzjoni tmienja (8)</u>**
**Artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399**

Illi t-tmien akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma taqbilx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-

disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Il-Qorti se zzomm quddiem ghajnejjha l-fatt li l-*parte civile* meta telghu jixhdu f'dawn il-proceduri kull ma xtaqu kien li l-imputat ihallihom bil-kwiet u anke dak li xehdu jaghti lill-Qorti x'tifhem li kien hemm xi forma ta' rinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati*

*gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[5]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht ceru kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn

[5] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza **Il-Pulizija vs Maurice Agius**[6] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Wood**[7]**)** qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'*

[6] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.
[7] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

*prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the]difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant****: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must*

*not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*[8]*."*

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ma ssibx l-imputat hati tal-ewwel, sebgha u tmien akkuzi u minnhom tilliberah, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u Daniel Parsonson rabtet lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' l-istess Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u Daniel Parsonson taht penali ta' elf u hames mitt euro (€2,000) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Stephanie Darmanin, Josianne Darmanin u Daniel Parsonson ghall-

[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

perijodu ta' tlett (3) snin millum skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hati jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l-artikolu 383 u 412C tal-Kodici Kriminali.

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**